**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Numru: 191/15 CSH**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali Numru 779/13 ipprezentata a tenur tal-Artikolu 166A fl-ismijiet:**

**V.G. Tiles Co. Limited (C6957)**

**Vs**

**Simone Bugeja**

**Illum 24 ta' Mejju 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat minn Simone Bugeja fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Gunju, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet:

> "*Illi f'Settembru li ghadda, l-esponenti saret taf tramite l-Bank of Valletta plc illi kien inhareg sekwestru ezekuttiv kontriha;*
>
> *Illi wara indagni li ghamlet, saret taf ukoll illi, fl-4 ta' April, 2013, kienet giet ipprezentata ittra ufficjali da parti tar-rikorrenti V.G. Tiles Co. Limited ghat-tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-*

*Ligijiet ta' Malta, u kopja tal-istess qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument 'A';*

*Illi hija qatt ma giet notifikata b'din l-ittra ufficjali u lanqas qatt ma rrifjutat illi tigi notifikata bl-istess ittra;*

*Illi ntqal fir-riferta tal-ittra ufficjali illi n-notifika tal-ittra ufficjali lill-esponenti kienet giet 'refused', u konsegwentement, saret procedura da parti tal-kumpanija mittenti fejn talbet illi tali rifjut jitqies bhala notifika ghat-tenur tal-Artiklu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba intlaqghet soggett ghall-konferma da parti tal-purtier bil-gurament tieghu;*

*Illi skond l-affidavit tal-purtier Saviour Falzon sabiex jispjega r-riferta tieghu tal-20 t'Awissu, 2013 fejn hemm miktub illi n-notifika kienet giet 'refused', huwa jghid illi qaghad esklussivament fuq dak illi nizzel il-pustier billi ma kienx mar personalment sabiex jezegwixxi tali notifika, u kopja tal-istess qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument 'B';*

*Illi rrizulta illi kien sar tentattiv ta' notifika fil-post tax-xoghol tal-esponenti u cioe' fl-ufficini ta' Hamilton Travel, gewwa l-Furjana u l-pustier kien ittenta jinnotifika lill-kollega taghha, kif jirrizulta mill-affidavit hawn anness u mmarkat Dokument 'C' izda din tal-ahhar ma kenitx accettat in-notifika peress illi l-esponenti ma kenitx xoghol dakinhar;*

*Illi konsegwentement, tali ittra ufficjali ma setghet qatt tigi registrata bhala titolu ezekuttiv u konsegwentement, l-istess titolu ezekuttiv*

*ghandu jigi dikjarat null u rexxiss skond il-ligi ghat-tenur tal-Artiklu 166A (5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi jsegwi wkoll illi qatt ma seta' jinhareg mandat ta' sekwestru ezekuttiv fil-konfront tal-esponenti in konnessjoni ma' din il-kwistjoni, izda, minkejja dan, inhareg il-mandat bin-numru 1146/14 kontra l-esponenti li, pero' qatt ma giet notifikata bih peress illi lanqas ma thallset notifika lilha;*

*Illi sussegwentement, gew istitwiti proceduri ghat-tenur tal-Artiklu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet premessi, li ghalihom, is-socjeta' V.G. Tiles Co. Limited lanqas ma pprezentat risposta;*

*Illi tali proceduri kellhom ezitu negattiv fis-sens illi, permezz ta' sentenza datata 1 ta' Gunju, 2015, dina l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba tal-esponenti fuq teknikalita' peress illi qieset illi, sakemm l-esponenti ma kenitx notifikata bil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv li tieghu lanqas ma thallset notifika ghaliha, ma setghet qatt tipproponi dawn il-proceduri, u kopja tal-istess qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument 'D'.*

*Illi konsegwentement, l-esponenti tat ruhha b'notifikata bil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv li jgib in-numru 1146/14, u qed terga' tirriproponi t-talba sabiex dan it-titolu ezekuttiv jigi dikjarat null u bla effett skond il-ligi ghat-tenur tal-Artiklu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi oltre dan u bil-prezenti u ghal kull bwon fini, is-socjeta' V.G. Tiles Co. Limited qed tigi interpellata b'dan l-att sabiex tirrifondi d-*

*depozitu ta' hames mitt Ewro (€500) li kien sar favur taghha da parti tal-esponenti u sabiex tnehhi parti mill-irham li kien kkonsenjat lill-esponenti billi jirrizulta illi l-konsenja ma saritx fl-intier taghha u, fin-nuqqas, sejrin jittiehdu proceduri ulterjuri kontriha skond il-ligi u l-istess parti mill-irham sejra tigi ddepozitata taht l-awtorita' tal-Qorti;*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti umilment titlob sabiex dina l-Onorabbli Qorti, wara li tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh, tiddikjara illi dan it-titolu ezekuttiv null u bla effett skond il-ligi u konsegwentement, tordna r-rexxissjoni tieghu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*Bl-ispejjez u b'rizerva ghal kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill-esponenti kontra s-socjeta' V.G. Tiles Co. Ltd., inkluza azzjoni ghad-danni minhabba xoghol difettuz u inkomplet da parti taghha.*"

Rat ir-risposta tas-socjeta' V.G. Tiles Co. Limited (C6957) ipprezentata fis-6 ta' Lulju, 2015, fejn l-istess socjeta' esponiet:

"Illi preliminarjament ir-rikors odjern huwa fuori terminu a tenur tal-Artikolu 166A subinciz (5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi gie pprezentat ferm wara l-ghoxrin (20) gurnata statutorji rikjesti fl-imsemmi Artikolu mid-data li fihea r-rikorrenti debitrici tat ruhha b'notifikata bil-Mandat ta' Sekwestru Numru 1146/14, u ghalhekk ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra taghha;

Illi minghajr kull pregudizzju ghas-suespost, in-notifika tal-ittra ufficjali 779/13 saret saret precizament kif titlob il-ligi senjatament l-Artikolu 187 (1) tal-Kap. 12, kif del resto <u>gja gie kkonfermat u</u>

ghalhekk res judicata minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fl-istharrig li ghamlet fuq talba tal-esponenti fir-rikors (Dok. X1);

Illi minghajr kull pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti qed tibbaza l-argumenti taghha li jistghu jigu deskritti biss bhala nefast, fuq estremi li jirriskjaw li jirredikolaw l-istitut tal-Mandat ta' Sekwestru u sahansitra qeghda tmur *forum shopping* bi pluralita' ta' rikorsi kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tar-rikors odjern;

Illi finalment issir riferenza senjatament ghat-tnax (12)-il paragrafu (mhux numerati) tar-rikors odjern u r-rikorrenti toggezzjona ghat-talba hemmhekk maghmula stante illi r-rikors odjern huwa wiehed maghmul taht l-Artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement ghandhom jinfethu proceduri ad hoc u intaxxati specifikament sabiex issir sejha ghall-hlas;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Bl-ispejjez."

Fis-6 ta' April, 2016 dehret ir-rikorrenti **Simone Bugeja** u esebiet l-affidavit taghha li l-Qorti mmarkat bhala dokument CSH u filwaqt li kkonfermat bil-gurament il-kontenut tal-affidavit, iddikjarat illi din hija l-verita' kollha.

Ir-rikorrenti qalet li f'Lulju 2014 il-Bank of Valletta plc kien infurmaha li kienu zammewlha s-somma ta' hdax-il elf mitejn u hamsin Ewro u sitta w tletin centezmu (€11,250.365). Hija cemplet lill-bank immedjatament ghal aktar informazzjoni w anke kitbitilhom

u skopriet illi l-Bank kien ha zball meta zammilha din is-somma. Skopriet ukoll illi kien sar mandat kontriha ghas-somma ta' €1125 minn VG Tiles Co. Ltd. Cahdet kategorikament li qatt irceviet xi ittri jew korrispondenza mill-Qorti dwar dan u lanqas ma giet notifikata bil-mandat. Sussegwentement, tramite l-avukat taghha saret taf li l-mandat kien igib in-numru 1146/14, pero' ta' dan lanqas kienet thallset notifikat ghaliha.

Stqarret li ghandha kwistjoni ma VG Tiles Co. Ltd. rigward *kitchen top* tal-irham iswed li kienet ordnat minghandhom u li meta saret parti mill-konsenja rrizulta li kienet difettuza fis-sens illi ma kienitx wiesgha bizzejjed izda kien hemm spazju ta' pulzier nieqes bejn l-irham u l-hajt. Qalet li l-istess gara dwar it-*top* tal-*kitchen island*. Oltre dan tghid li l-bicciet ma kinux maqtughin dritti kif suppost. Ix-xhud qalet li x-xoghol tant kien hazin li rrifjutat li tiffirma d-*delivery note*. Dwar din il-kwistjoni hemm proceduri pendenti quddiem id-Dipartiment tal-Konsumatur.

Kompliet li hija kienet bdiet proceduri fil-Qorti peress li qatt ma kienet notifikata b'xi ittra mill-Qorti, ghalkemm imbaghad skopriet li VG Tiles kienu pprezentaw ittra l-Qorti u ppruvaw jinnotifikawha biha fuq il-post tax-xoghol taghha, cioe' Hamilton Travel fil-Furjana. Stqarret li darba minnhom fis-sena 2013, kollega taghha certa Carmen Abdilla, kienet infurmatha illi l-*postman* kien waqqafha barra l-ufficcju fit-triq u qalilha li kellu ittra registrata ghaliha (ghax-xhud). Dakinhar hija nzertat kienet bil-*leave*, u Abdilla ma hassitx li kellha tiffirma ghaliha. Abdilla kienet infurmatha b'dan kollu wara, pero' wara dakinhar hija xorta baqghet ma rceviet xejn u kien biss wara li skopriet dan kollu li ntebhet li dakinhar il-*postman* kien ipprova jinnotifikaha bl-ittra.

Simone Bugeja qalet li l-ewwel procedura li ghamlet quddiem il-Qorti, ma gietx milqugha fuq kwistjoni ta' procedura, fejn il-Qorti ddecidiet li hi ma setghetx tistitwixxi dik il-procedura ghaliex qatt ma kienet giet notifikata bil-mandat. Sahqet li n-notifika qatt ma setghet issehh ghaliex VG Tiles ma kienitx hallset lill-Qorti biex hi tigi notifikata. Ghaldaqstant fuq parir tal-avukat taghha, hija pprezentat

nota fejn tat ruhha b'notifikata biex setghet tibda din il-procedura mill-gdid.

Fis-6 ta' April, 2016, ir-rikorrenti esebiet ukoll affidavit ta' **Carmen Abela** li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument SB. Abela ddikjarat li f'gurnata tul is-sena 2013 (ghalkemm ma tiftakarx id-data ezatta), kien waqqafha l-pustier fit-triq hdejn il-post tax-xoghol taghha, cioe' l-agenzija Hamilton Tavel fil-Furjana. Dan il-pustier kien ipprezentalha ittra registrata mill-Qorti ndirizzata lill-kollega taghha Simone Bugeja. Qalet li dakinhar Bugeja ma kinitx xoghol u ghaldaqstant hasset li ma kellhiex taccetta din l-ittra ghan-nom taghha. Il-pustier ghalhekk ha l-ittra lura mieghu. Hija gharrfet b'dan kollu lil Simone b'telefonata immedjatament wara.

Fl-1 ta' Gunju 2016 xehed il-**Purtier Saviour Falzon** u gie mistoqsi x'ghandu xi jghid dwar ir-riferta li saret dwar l-Ittra Ufficjali 779/2013 li giet ipprezentata fl-4 ta' April liema ittra ufficjali tinsab inserita fl-atti a fol. 67. Spjega illi fil-konfront ta' Simone Bugeja r-riferta kienet giet '*refused'*. Zied li huwa qaghad fuq it-timbru li sar mill-*postman* cioe' li kienet '*refused*'. Ra l-kopja tal-envelopp a fol. 46 fejn proprju hemm indikat mill-*postman* '*refused*'. Spjega li huwa ma jmurx jinnotifika l-ittri ufficjali personalment, izda dawn imorru bis-sistema tal-posta u huma jittimbraw skont l-indikazzjoni tal-*postman*.

Fis-6 ta' Lulju, 2016 xehdet **Carmen Scerri Lautier** ghan-nom tal-Maltapost. Din xehdet illi l-pustier relevanti ghal din il-kawza jismu Italo Pantalleresco u fil-fatt seta' jixhed warajha. Sostniet illi dwar l-ittra *per se* ma kienx hemm anomaliji w hadet il-kors taghha normali u mit-*track and trace* taghhom jirrizulta li l-ittra kienet giet rifjutata.

Fis-6 ta' Lulju, 2016 xehed **Italo Pantalleresco** li qal li huwa kien jahdem bhala pustier u kien iqassam l-ittri gewwa l-Furjana. Gie muri *photocopy* ta' envelop li jinsab inserit fl-atti a fol. 46 u kkonferma li fuq dan id-dokument hemm il-firma tieghu. Peress li dan l-envelop huwa ndirizzat lil Simone Bugeja, Hamilton Travel, San Publiju, Floriana ddikjara li l-bini jaf liema hu. Ikkonferma li ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Ftakar li kien mar f'dan l-ufficcju, talabhom biex jiffirmawlu ghaliha izda qalulu li ma riduhiex u ghalhekk kien kiteb il-kelma '*refused'*. Mistoqsi ghaliex l-ewwel ghamel timbru *gone away* u mbaghad kiteb *refused*, spjega li kien mar f'dan l-ufficcju ta' Hamilton u l-haddiema ma riedux jaccettaw din l-ittra. Il-haddiema f'dan l-ufficcju minn dak iz-zmien lil hawn inbidlu w allura ma jiftakarx min kien qallu '*refused'*. Jaf li filfatt l-ewwel kien tahom il-posta normali u mbaghad mar biex itihom ir-*registered letter* u ma riduhiex. Mistoqsi jekk kienx hemm xi *receptionist* partikolari, wiegeb illi jkunu nies differenti li jircievu l-posta.

Illi fil-5 ta' April, 2017 xehed **Victor Galea** in rapprezentanza tas-socjeta intimata li ddikjara li jokkupa l-kariga ta' direttur tal-istess socjeta'. Ikkonfermta li effettivament ir-rikorrenti kienet ghamlitilhom ordni ta' *kitchen top* tal-granit Nero Africa. Qal li x-xoghol gie ezegwit fis-sens li saret l-ordni fil-fabbrika. Spjega li l-process jibda fix-*showroom* meta saret l-ordni u mbaghad il-*job card* tidhol fil-fabbrika u jsir ix-xoghol. In segwitu' kien mar bid-*delivery* ghand ir-rikorrenti gewwa l-post taghha Santa Maria Estate l-Mellieha u zied jghid illi dan il-fond jinsab taht l-irdum Santa Maria Estate, Mellieha u taht id-dar kien hemm semi-basement. Bid-delivery ta' din il-kitchen top kienu marru erba' rgiel u meta gewa biex ihottu x-xoghol kienu talbu lir-rikorrenti biex igibu krejn, izda din irrifjutat, u bdiet tikkomplenja li kienet se tikkancella l-ordni u kien ikollhom jiehdu l-materjal lura. Sabu ruhhom taht *pressure,* waqt *heatwave.* Bit-tqanzih u t-tbatija kollha nizlu t-tarag li kien wiesgha 90cm bla hadid u bla lqugh u kkonsenjawlha dan l-irham fil-post. Sussegwentement kien ghad baqa' bilanc ta' sitt mija u tmenin Ewro izda r-rikorrenti ma hallsitux. Ghalhekk ipprezenta l-ittra ufficjali, pero' sostna li qabel ma wasal biex baghat din l-ittra ufficjali kien mar diversi drabi

jhabbat fir-residenza tar-rikorrenti izda hadd ma kien jiftahlu. Imbaghad kien ghadda il-kaz lill-avukat tieghu fejn qallu li kellu dan il-kreditu u l-avukat tieghu mexxa l-kaz. Kompla li skont ma jirrizulta mir-riferti ezebiti a fol 3 tal-process, il-Marixxal kien mar diversi drabi u ma rnexxielux jinnotifika lir-rikorrenti fis-sens illi l-ittra giet lura *unclaimed*, ma fetah hadd u sahansitra anke '*refused*'. Kien jaf illi r-rikorrenti tahdem ma' Hamilton Travel kemm ghax qaltlu verbalment meta kienu sejrin bix-xoghol u anke mill-Facebook minhabba l-*advertising* u hu personalment kien mar xtara xi biljetti minn hemm.

Insista li batew hafna meta kkonsenjaw l-irham ghaliex ir-rikorrenti ma riditx iggib il-krejn. Cahad dak allegat mir-rikorrenti illi l-bank tal-kcina ma kienx tajjeb, izda zied li ma kienx hu li effettivament wahhal dan il-bank fil-kcina. Qal li hu ma kkontesta l-ebda talba tar-rikorrenti quddiem il-konsumatur.

Fis-seduta tal-5 ta' April, 2017, il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

Semghet il-partijiet jittrattaw ir-rikors u dan fis-seduta tal-11 ta' April 2017 meta l-istess avukati awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**Ikkunsidrat:**

Jibda biex jinghad li l-ligi tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili, Kap 12, hija ta' ordni pubbliku u trid tigi osservata *ad litteram*[1] - Il-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u kwindi ghandha tigi "*osservata aIla lettera e non per equipollens*". Ir-rekwiziti ta' notifika korretta huma

[1] Vol XVII p1 p 879.

ta' natura ta' ordni pubbliku u bhala tali ghandhom jigu osservati *ad unguem*. (ara **Maltacom plc vs Carmel u Mary Doris Muscat**[2]).

Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi diversi metodi ta' notifika. Fl-ewwel lok is-subinciz (1) ghall-Artikolu 187, jiddixxiplina b'mod generali n-notifikazzjoni ta' l-atti jew skritturi fis-sens li jipprovdi kif din tista' ssir.

Kif rilevat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Alessandro Delhin –vs- Antonio Darmanin et**", Qorti tal-Kummerc, 9 ta' Novembru 1927, "*da tale disposizione si desume essere duplice la forma legale della notificazione di atti giudiziari, quella per cui la consegna della copia della scrittura si fa direttamente alla persona da essere notificata, o quella per cui si fa indirettamente, col lasciare la stessa copia nella casa di abitazione o nella sede di affari della persona da notificarsi, nel quale ultimo caso pero` la consegna della copia della scrittura si deve fare o ad un membro della famiglia, o ad un addetto alla casa o al servizio della persona medesima*.";

Naturalment l-Att XXIV ta' l-1995 li emenda l-Kap 12, u tibdiliet legislattivi ohra li saru qablu, estenda l-lista tal-persuni li maghhom il-kopja tal-att seta' jithalla. Cio' nonostante, l-istess hsieb formulat fil-precitata sentenza jibqa' wiehed validu. Tant dan hu hekk illi fis-sentenza fl-ismijiet "**Alfred Cachia nomine –vs- Salvino Sullivan et noe**[3]" jinghad dan:- "Il-Qorti hi tal-fehma li l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi hija ta' natura generali u hija ntiza biex tkopri l-kaz ta' notifika sija lill-persuna fizika sija lill-persuna morali. Dan jidher car ukoll minn nota marginali li hemm mal-imsemmija disposizzjoni li tghid ukoll b'mod generali kif isiru n-notifiki. Minn ezami tal-imsemmija disposizzjoni tal-ligi jidher li fl-ewwel parti taghha, d-disposizzjoni

[2] Deciza mill- Qorti ta' I-Appell nhar l-14 ta' Gunju 2001.
[3] Deciza mill-Qorti tal- Appell,nhar is- 27 ta' April 1987.

qed tenuncja r-regola generali li n-notifika ghandha ssir bil-konsenja ta' kopja tal-att lill-persuna li ghandha tkun notifikata. Imbaghad il-ligi tipprovdi alternattiva ghall-imsemmija notifika billi tikkontempla ghall-finijiet ta' notifika l-kaz fejn il-kopja tal-att jista' jithalla u ma' min jista' hekk jithalla u jiddisponi *inter alia* li l-kopja tal-att tista' tithalla fil-lok fejn tahdem jew fil-post tax-xoghol ma' persuna li tkun fis-servizz tal-persuna notifikanda jew ma' persuna awtorizzata biex tircievi l-posta tal-persuna notifikanda[4]".

Illum, s'intendi, ghalhekk din id-disposizzjoni twessghet kemm ghan-numru ta' persuni li maghhom l-att jista' jithalla, kemm ghal dik li hi sede fejn l-istess att jista' jitqies validament notifikat.

Fir-rikors taghha ir-rikorrenti Simone Bugeja *inter alia* tippremetti illi hija ma kienitx giet validament notifikata bl-att tal-ittra ufficcjali fl-ismijiet inversi (ittra ufficcjali numru 779/13) datata 4 ta' Arpil 2013 (Dok A). Jokkorri ghalhekk li l-Qorti tezamina l-korrettezza, o meno, ta' din il-premessa.

Huwa indiskuss illi l-validita` tar-rikors li tieghu qed tintalab ir-revoka jiddependi fuq jekk in-notifika bil-procedura addottata saritx konformement, jew le, ma' dak provvdut mil-ligi. Dan anke ghaliex ir-rikorrenti f'dan ir-rikors ippremettiet ukoll illi n-notifika ma saritx skond il-procedura rikjesta u li hija qatt ma rrifjtuat xi att legali

Illi skond l-**Artikolu 187 (1) Kapitolu 12**:

"*In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja*

[4] Deciza mill-Qorti tal- Appell Sede Inferjuri **Joseph Caruana Curran vs Victoria Vella** deciza nhar it-12 ta' Mejju 2003.

*titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f 'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f 'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha, fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha*"

Illi it-tieni proviso tal-**Artikolu 187 (1) Kapitolu 12** jiddisponi:

"*Izda wkoll meta persuna li lilha tkun indirizzata skrittura tirrifjuta li tirciviha personalment minghand ufficcjal ezekuttiv tal-qrati, il-qorti tista' fuq rikors tal-parti interessata u wara li tisma' lill-ufficjal esekuttiv tal-qrati u tikkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-incident, tiddikjara b'digriet li n-notifika tkun saret lill-dik il-persuna fil-jum u l-hin tar-rifjut u tali digriet ghandu jitqies bhala prova tan-notifika ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi*."

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Abela Vs Joseph Turner**[5] il-Qorti kienet rinfaccjata b'sitwazzjoni simili hafna u dan ghaliex f'dik il-kawza kien xehed il-Marixxall Raymond Pace li kien gharaf il-firma tieghu fuq ir-riferta pero' kien stqarr illi din kien ghamilha fuq informazzjoni li kiteb il-pustier fuq l-envelope u hu fl-ebda hin ma mar bid-dokument fid-destinazzjoni murija fl-att gudizzjajru. F'dik il-kawza l-Qorti kienet dehrilha li l-*proviso* ta' l-Artikolu fuq imsemmi ma giex sodisfatt minkejja r-rifjut, u dan ghaliex tali rifjut ma kienx sar quddiem ufficjal esekuttiv tal-Qorti izda biss quddiem pustier. Fil-fehma ta' dik il-Qorti dak mhuwiex bizejjed biex jissodisfa l-kwezit sabiex il-Qorti tkun tista' tkompli bil-kawza u tghaddi ghas-sentenza.

Il-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors huma s-segwenti:

[5] Deciza fil-21 ta Gunju 2004 mil-Qorti tal-Magistrati Avviz Numru 303/2003.

1. Illi l-intimat Victor Galea nomine kien ipprezenta ittra ufficcjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 kontra r-rikorrenti odjerna u dan fl-4 ta April 2013 ( Dok A anness).
2. Illi minkejja diversi tentattivi ghan-notifika tar-rikorrenti li ilkoll kienu negattivi a fol. 3 ta l-atti hemm riferta datata 20 ta' Awissu 2013 maghmula mill-purtier Saviour Falzon fejn fiha hemm indikat li r-rikorrenti rrifjutat l-att gudizzjajru. *Ex admisses* dan jghid li l-ittra giet *'refused'*.
3. Illi jidher li fis-27 ta' Jannar 2014 il-purtier Saviour Falzon kien ha gurament (Dok B) fejn ikkonferma li r-riferta li ghamel fuq l-att gudizzjajru appena msemmi, saret skond dak li kien hemm imnizzel mill-pustier fuq l-envelop li tieghu fl-atti hemm esebita kopja a fol. 5.
4. Illi r-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit u stqarret li hija qatt ma rceviet ittra ufficcjali u qatt ma giet notifikata biha. Izda tghid li l-pustier kien ittenta ihalli l-att gudizzjarju ma' kollega taghha ta' fuq ix-xoghol, certa Carmen Abela fil-post maghruf bl-isem Hamilton Travel gewwa l-Furjana, pero' stante li dakinhar hija kienet bil-*leave* il-kollega taghha ma accettatx in-notifika u l-pustier ktieb '*refused*'.
5. Illi skond ma stqarret Carmen Abela fl-affidavit taghha, kkonfermat li hija kienet il-persuna li ma accettatx in-notifika tal-att gudizzjajru minghand il-pustier peress li dakinhar ir-rikorrenti kienet bil-*leave* u kienet sahansitra anke infurmat lir-rikorrenti bid-decizjoni taghha.
6. Illi minkejja li r-rikorrenti qatt ma giet notifikata bl-ittra ufficcjali u lanqas qatt ma inghatat l-opportunita' li tirrifjuta tali notifika, l-intimat ipprezenta l-mandat ta' sekwestru numru 1146/14 fil-konfront tar-rikorrenti a bazi ta' din l-istess ittra ufficjali li allegatament giet reza ezekuttiva stante t-timbru '*refused*'.
7. Illi kien ghalhekk li r-rikorrenti pprezentat dan ir-rikors sabiex din il-Qorti tiddikjara li n-notifika li saret bl-ittra ufficjali mhix wahda valida u skond il-ligi.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-kliem tal-ligi u appuntu l-*proviso* tal-Artikolu 187, u tistqarr li meta jkun hemm il-kelma '*refused*' fuq notifika

ta' att gudizzjajru, tali rifjut irid ikun sar mid-destinatarju taghha u mhux minn persuna kwalunkwe li tahdem fl-istess post tax-xoghol tad-destinatarju u dan ghaliex il-ligi stess tipprovdi dan u cioe' li n-notifika tkun valida "meta persuna li **lilha** tkun indirizzata skrittura **tirrifjuta** li tirceviha personalment **minghand ufficcjal ezekuttiv tal-qrati**. (enfasi ta' din il-Qorti).

Fil-kaz in dezamina n-notifika ma saritx lill-persuna li lilha kien indirizzat l-att gudizzjajru u lanqas ma kien quddiem ufficcjal ezekuttiv tal-Qorti li ttenta jinnotifika lir-rikorrenti.

**Ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara li n-notifika tal-ittra ufficjali numru 779/13 ipprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-4 ta' April 2013, mhix valida u dan ghaliex ma saritx skond il-ligi, u ghalhekk dan l-att konsistenti f'ittra ufficcjal numru 779/13 m'ghandu qatt jigi kunsidrat bhala titolu ezekuttiv.**

**L-ispejjez huma a karigu tal-intimat nomine.**

**Dott. C. Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**